KUNSILL LOKALI
GĦASRI

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri**

**Id-Disa' Leġislatura**

**Laqgħa Nru. 21**

L-Erbgħa, 17 ta' Diċembru 2025

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-6:45 ta' filgħaxija.

Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Dr Daniel Attard | - | Sindku |
| Is-Sur Sammy Saliba | - | Viċi Sindku |
| Is-Sur Emanuel Mintoff | - | Kunsillier |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - | Kunsilliera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - | Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 20A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Silvio Xerri | - | Segretarju Eżekuttiv |

## 21.1 Talba

21.1.1 Il-laqgħa bdiet b'talba u ġiet ippreseduta mis-Sindku Dr. Daniel Attard.

## 21.2 Ittri ta' Apoloġija

21.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 21.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

21.3.1 Il-Minuti tal-laqgħa numru 20 ġew ċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 21.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

21.4.1 Is-Sindku rringranza lill-kunsilliera talli qablu li l-laqgħa titmexxa għal-ġurnata tal-lum minflok għad-data skedata tal-Ġimgħa 19 ta' Diċembru 2025, peress li dakinhar minħabba mpenji oħra huwa ma setax jattendi.

21.4.2 Wara li fl-aħħar laqgħa ġie rrimarkat li kienet ntbagħtet *email* mingħand il-*Global Payments* datata 13 ta' Novembru 2025, is-segretarju Eżekuttiv informa li din hija relatata mal-pagamenti onlajn tal-permessi.

21.4.3 *Email* mingħand *Victims Support Agency* datata 5 ta' Diċembru 2025, fejn talbu li ssir laqgħa mal-kunsilliera. Il-kunsilliera qablu li għandha ssir laqgħa u pproponew li ssir qabel il-laqgħa tal-kunsill li jmiss.

21.4.4 *Email* mingħand Reġjun Għawdex datata 22 ta' Diċembru 2025, fejn qed jiġi ndikat li nhar is-26 ta' Diċembru 2026 ser tkun preżenti l-President ta' Malta u ser tkun qed tilqa' donazzjonijiet għall-istrina.

21.4.5 *Email* mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali datata 12 ta' Diċembru 2025, fejn qed jgħarrfuna li l-applikazzjoni relatata mal-iskema SPI/SCI/7/2025 – Finanzjament Komunitajiet aktar b'Saħħithom ġiet approvata u għalhekk intbagħat il-kuntratt sabiex jiġi ffirmat u l-Kunsill ser jieħu €5,000.

21.4.6 Is-Sindku saqsa hemmx xi progress rigward Triq Wied Sara. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lis-Sindku u lill-kunsilliera li kellu laqgħa onlajn mal-Inġinier fejn spjegalu minn fejn sa fejn Triq Wied Sara taqa' taħt il-kunsill, biex b'hekk l-LA's jkunu jistgħu jduru fuq il-kuntrattur.

## 21.5 Tweġibiet għall-Mistoqsija tal-Kunsilliera

21.5.1 Ma kienx hemm domandi.

## 21.6 Allokazzjoni Finanzjarja 2026

21.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li ġiet mibgħuta l-allokazzjoni finanzjara għas-sena 2026.

## 21.7 *Performance Bonus Clerical Officer*

21.7.1 Il-kunsilliera qablu li l-*performance bonus* tal-*clerical officer* għandha tkun ta' għaxra fil-mija (10%).

## 21.8 *Performance Bonus* Segretarju Eżekuttiv

21.8.1 Il-kunsilliera qablu li l-*performance bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv għandha tkun ta' għaxra fil-mija (10%).

## 21.9 Milied 2026

21.9.1 Il-kunsillier Emanuel Mintoff ippropona li fi Triq l-Għasri peress li Triq l-Għasri bdiet tiġi mżejjna bid-dawl, tkun ħaġa sabiħa sabiex tingħażel ġurnata u jittella' *Christmas Market*. Il-kunsilliera qablu ma tali proposta u li għandu jitqabbad organizzatur sabiex jiġi jara kif inhi mżejjna t-triq u jissuġġerixxi kif jista' jsir tali *Christmas Market* is-sena d-dieħla.

## 21.10 Materji Oħra

21.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien hemm suġġeriment sabiex jinġibed vidjow bid-*drone* ta' Triq l-Għasri hekk kif inhi mżejjna bid-dawl tal-Milied. Il-kunsilliera qablu ma tali suġġeriment u li għalhekk għandha titqabbad persuna sabiex tiġbed vidjow u jiġi mtella' fuq il-midja soċjali.

21.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li sab persuna oħra (Michelle Vella) minflok il-kuntrattur li kien jieħu ħsieb ix-xogħol relatat mat-*tenders.* Bħala ħlasijiet – preparamenti tax-xogħol għal ħruġ tat-*tenders* tieħu €350 u xogħol relatat ma evalwazzjoni tieħu €150. Il-kunsilliera qablu li għandha titqabbad tali persuna sabiex tieħu ħsieb ix-xogħol relatat mat-*tenders.*

21.10.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa wkoll li għal-bord tal-evalwazzjoni relatat mat-*tender* tal-perit ser ikun hemm Dr. Joshua Grech, Daniel

Galea u Mario Cauchi.

21.10.4 F'laqgħa preċedenti kien ġie maqbul li jiġi ordnat *dustbin* ġdid sabiex jitpoġġa fil-pjazza iżda però issa dan ma jistax jitpoġġa fejn kien suġġerit qabel. Il-kunsilliera qablu li għandu jitpoġġa fi Triq il-Fanal viċin il-*bring in site.*

21.10.5 Residenta lmentat biċ-*Charging Pillar* li ser tiġi nstallata quddiem ir-residenza peress li hemm pool u li għalhekk jista' jtir l-ilma fuq il-karozzi li jkunu qed jiċċarġjaw. Il-kunsilliera qablu li tali *charging pillars* ilhom approvati u li fejn ser tiġi nstallata mhux ser tkun ta xkiel u li filkaż għandhom jgħollu l-ħajt.

21.10.5 Resident talab li t-triq li tagħti għal Wied il-Mielaħ titranġa ftit bi ftit *patching* permezz tal-konkos. Il-kunsilliera qablu li għandha tinġab kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur relatat ma tali xogħolijiet.

21.10.5 Residenta oħra talbet li l-isqaq bla isem fi Triq Għammar għandu jitranġa. Il-kunsilliera qablu li għandha tinġab kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur relatati ma tali xogħolijiet ta' *patching*.

21.10.6 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba rrimarka li xi ħadd ħabat f'rampa quddiem il-knisja tal-Patroċinju u tali rampa tkissret. Il-kunsilliera qablu li tali rampa għanda titranġa u li għalhekk għandha tinġab kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur.

21.10.7 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba ssuġġerixxa li għal-ikla mogħtija mir-Reġjun Għawdex u li ssir fiċ-ċentru, is-sala tiżżejjen bil-*ponsiettas*. Il-kunsilliera qablu ma tali proposta.

21.10.8 Il-Kunsilliera Liża Mintoff pproponiet li bħas-snin preċedenti wara l-ikla (mogħtija mir-Reġjun Għawdex) li ssir fiċ-ċentru, jingħata rigal żgħir li dawk preżenti. Il-kunsilliera qablu ma tali proposta.

21.10.9 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba saqsa rigward d-*devolution.* Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li sab il-pjanti u li ħa r-ritratti tal-għalqa u li ser jerġa jibgħat l-applikazzjoni lid-Dipartiment.

## 21.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti

21.12.1 Tressqet l-iskeda ta' pagamenti numru 09-19 biex tkun approvata mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet approvata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 21.12 Tmiem il-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss

20.13.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7:45 ta' filgħaxija. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis, 15 ta' Jannar 2026 fis-7:00 ta' filgħaxija.

Ikkonfermati, nhar il-Ħamis 15 ta' Jannar 2026.

| | |
|---|---|
| **Dr. Daniel Attard** | **Silvio Xerri** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |